

Brussell, 17 ta' Diċembru 2019  
(OR. en)

14618/19

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2019/0192(COD)**

---

**CODEC 1700  
ECOFIN 1127  
RELEX 1148  
MED 37  
PE 258**

## **NOTA TA' INFORMAZZJONI**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li tipprevedi aktar assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mis-16 sad-19 ta' Diċembru 2019)

---

### **I. INTRODUEZZJONI**

Ir-rapporteur, Luisa REGGIMENTI (ID, IT), ippreżentat rapport fisem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, li għandu l-għan li jieħu fidejha il-proposta tal-Kummissjoni li tipprovdi aktar assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan.

### **II. VOTAZZJONI**

Il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-17 ta' Diċembru 2019 bl-inkorporazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni. Din il-pożizzjoni tinsab fir-risoluzzjoni legiſlattiva tiegħu kif stipulat fl-Anness għal dan.

Fis-6 ta' Ottubru 2019, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-proposta tal-Kummissjoni mingħajr emendi. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew. L-att leġislattiv imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

---

## **Assistenza makrofinanzjarja lill-Ġordan \*\*\*I**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2019 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprevedi aktar assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (COM(2019)0411 – C9-0116/2019 – 2019/0192(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2019)0411),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 212(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0116/2019),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill adottata flimkien mad-Deċiżjoni Nru 778/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 li ttiprovdi assistenza makro-finanzjarja ulterjuri lill-Ġeorġja<sup>1</sup>,

---

<sup>1</sup> ĠU L 218, 14.8.2013, p. 15.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-ittri tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A9-0045/2019),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ksieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**P9\_TC1-COD(2019)0192**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-17 ta' Diċembru 2019 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2019 / ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprevedi aktar assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>1</sup>,

---

<sup>1</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2019.

Billi:

- (1) Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (il-Ġordan) qegħdin jżviluppaw fi ħdan il-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV). Fl-24 ta' Novembru 1997, il-Ġordan iffirma l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra<sup>1</sup> (il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni"), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2002. Taħt il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, l-Unjoni u l-Ġordan gradwalment stabbilixxew Żona ta' Kummerċ Ħieles matul perjodu tranżizzjonali ta' 12-il sena. Barra minn hekk, fl-2007 daħal fis-seħħ Ftehim fl-għamla ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan dwar il-miżuri reċiproċi ta' liberalizzazzjoni u li jemenda l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KE-Ġordan kif ukoll jibdel l-Annessi I, II, III u IV u l-Protokoll 1 u 2 ta' dak il-Ftehim<sup>2</sup>. F'Diċembru 2009 ġie inizjalat Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan li jstabbilixxi mekkaniżmu tas-soluzzjoni tat-tilwim applikabbli għal tilwim li jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet kummerċjali tal-Ftehim Euro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan min-naħa l-oħra<sup>3</sup>, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2011. Id-djalogu politiku u l-kooperazzjoni ekonomika bilaterali ġew żviluppatti aktar fil-qafas tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ġordan u tal-Qafas ta' Appoġġ Uniku adottati għall-2017–2020.

---

<sup>1</sup> ĠU L 129, 15.5.2002, p. 3.

<sup>2</sup> ĠU L 41, 13.2.2006, p. 3.

<sup>3</sup> ĠU L 177, 6.7.2011, p. 3.

- (2) Mill-2011 'il hawn, il-Ġordan beda għadd ta' riformi politiċi biex tissaħħa id-demokrazija parlamentari u l-istat tad-dritt. Twaqqfu Qorti Kostituzzjonali u Kummissjoni Elettorali Indipendenti u l-Parlament tal-Ġordan għadda għadd ta' liġijiet ewlenin, inklużi l-Att Elettorali u l-Att tal-Partiti Politiċi, kif ukoll liġijiet dwar id-deċentralizzazzjoni u l-muniċipalitajiet. Barra minn hekk, sar titjib leġiżlattiv fejn jidħlu l-indipendenza tal-ġudikatura u d-drittijiet tan-nisa.
- (3) L-ekonomija tal-Ġordan sofriet b'mod sinifikanti mill-konflitti fit-tul fir-reġjun, b'mod partikolari fil-pajjiżi ġirien tal-Iraq u s-Sirja. Dak l-inkwiet reġjonali ħalla impatt qawwi fuq id-dħul estern u dgħajjed il-finanzi pubbliċi. It-turiżmu u l-influssi tal-investment dirett barrani ġew affettwati b'mod negattiv u r-rotot tal-kummerċ baqgħu mblukkati għal perjodi twal. B'mod separat, il-fluss tal-gass naturali mill-Eġittu kien imfixkel għal diversi snin, u dan wassal għal ħtieġa li tiġi akkwistata enerġija minn sorsi alternattivi bi prezz oġhla. Barra minn hekk, l-ekonomija tal-Ġordan kienet milquta minn influż kbir ta' refuġjati Sirjani, li żied il-pessjoni fuq il-pożizzjoni fiskali tal-Ġordan, fuq is-servizzi pubbliċi u fuq l-infrastruttura.

- (4) F'Awwissu 2016, l-awtoritajiet tal-Ġordan u l-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) qablu dwar it-tieni programm ta' aġġustament ekonomiku appoġġat b'Faċilità ta' Fond Estiża (EFF, *Extended Fund Facility*) ta' tliet snin fl-ammont ta' USD 723 miljun, li segwiet Arranġament ta' Riżerva ta' USD 2 000 miljun ta' tliet snin mill-2012 sal-2015. F'Mejju 2019, il-programm tal-EFF ġie estiż sa Marzu 2020.
- (5) F'Diċembru 2016, l-Unjoni adottat it-tieni programm ta' assistenza makrofinanzjarja<sup>1</sup> (MFA-II) ta' EUR 200 miljun fil-forma ta' self, bi tweġiba għal talba mill-Ġordan f'Marzu 2016 u wara li tlesta l-ewwel programm ta' assistenza makrofinanzjarja ta' EUR 180 miljun implimentat fl-2015. L-MFA-II ġiet b'segwitu għall-impenn li ġie espress fil-konferenza "L-appoġġ għas-Sirja u r-Reġjun", li saret f'Londra fl-4 ta' Frar 2016, fejn l-Unjoni wiegħdet EUR 2 390 miljun fl-2016-2017 f'appoġġ finanzjarju għall-pajjiżi l-aktar milquta mill-kriżi tar-rifuġjati, inkluż il-Ġordan. Il-Memorandum ta' Qbil li jiddefinixxi l-kondizzjonijiet ta' politika relatati mal-MFA-II daħal fis-seħħ fid-19 ta' Settembru 2017. L-ewwel pagament tal-MFA-II ġie rilaxxat fis-17 ta' Ottubru 2017 u t-tieni pagament fil-21 ta' Ġunju 2019, wara l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' politika miftiehma.

---

<sup>1</sup> Deċiżjoni (UE) 2016/2371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li ttipprevedi assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (ĠU L 352, 23.12.2016, p. 18).

- (6) Id-Deċiżjoni (UE) 2016/2371 kienet tinkludi Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni li fiha l-Kummissjoni, fid-dawl tal-isfidi fiskali u taċ-ċirkostanzi straordinarji li qed jiffaċċja l-Ġordan minħabba li qed jospita għadd kbir ta' Sirjani (1,3 miljun skont l-awtoritajiet Ġordanjani), impenjat ruħha li tippreżenta, jekk ikun xieraq, proposta ġdida għall-estensjoni u ż-żieda tal-assistenza makrofinanzjarja lill-Ġordan, mat-tlestija b'suċċess tal-MFA-II u dment li jkunu ssodisfati l-prekundizzjonijiet tas-soltu għal dak it-tip ta' assistenza, inkluża valutazzjoni aġġornata mill-Kummissjoni tal-ħtiġijiet ta' finanzjament estern tal-Ġordan.
- (7) Bejn l-2017 u l-2019, l-instabbiltà twila reġjonali, l-iskopertura kbira għall-fluttwazzjoni fil-prezzijiet taż-żejt u ż-żieda fil-kostijiet tas-self għas-swieq emerġenti mad-dinja kollha baqgħu jkunu ta' piż fuq l-ekonomija Ġordanjana. B'riżultat ta' dan, it-tkabbir ekonomiku naqas għal darb' oħra, il-qgħad żdied b'mod sinifikanti, il-ġbir tad-dħul mit-taxxa naqas u tfaċċaw ħtiġijiet ġodda ta' finanzjament fiskali u estern.

- (8) F'dan il-kuntest diffiċli, l-Unjoni u l-komunità internazzjonali reġgħu esprimew l-impenn tagħhom li jappoġġaw lill-Ġordan f'diversi okkażjonijiet sussegwenti, b'mod partikolari waqt il-konferenza ta' Brussell dwar l-appoġġ għall-futur tas-Sirja u r-reġjun f'April 2017, fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan f'Lulju 2017 u fil-konferenza Brussell II dwar l-appoġġ għall-futur tas-Sirja u r-reġjun f'April 2018. Fil-Konferenza "London Initiative", li saret f'Frar 2019, u fil-konferenza Brussell-III li saret f'Marzu 2019, il-komunità internazzjonali u reġjonali tad-donaturi, inkluża l-Unjoni, ikkonfermat mill-ġdid l-intenzjonijiet tagħha li tappoġġa l-isforzi tal-Ġordan biex jippreserva l-istabbiltà makroekonomika u jtejjeb il-prospetti ta' tkabbir.
- (9) Sa mill-bidu tal-kriżi Sirjana fl-2011, l-Unjoni għamlet disponibbli aktar minn EUR 2 100 miljun lill-Ġordan taħt strumenti differenti, inklużi EUR 380 miljun taħt iż-żewġ programmi ta' assistenza makrofinanzjarja, biex tgħin lill-pajjiż jippreserva l-istabbiltà ekonomika, issostni r-riforma politika u ekonomika u tindirizza l-ħtiġijiet relatati umanitarji, ta' żvilupp u ta' sigurtà tal-Ġordan. Barra minn hekk, il-Bank Ewropew tal-Investiment alloka madwar EUR 486 miljun f'self ta' proġetti lill-Ġordan.

- (10) F'Lulju 2019, fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika u l-prospett ekonomiku li kienu għadhom diffiċli, il-Ġordan talab għal aktar assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni.
- (11) Wara t-tlestija b'suċċess tar-rieżami tat-tieni programm tal-FMI fis-6 ta' Mejju 2019, il-FMI u l-Ġordan bdew diskussjonijiet dwar programm suċċessur tal-FMI għal wara Marzu 2020 meta huwa mistenni li jkun spiċċa l-arranġament taħt l-EFF.
- (12) Minħabba li l-Ġordan huwa pajjiż kopert mill-PEV, jenħtieġ li jkun ikkunsidrat bħala eliġibbli biex jirċievi assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni.
- (13) L-assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni jenħtieġ li tkun strument finanzjarju eċċezzjonali ta' appoġġ mingħajr irbit u mhux speċifikat għall-bilanċ tal-pagamenti, bl-għan li tindirizza l-ħtiġijiet finanzjarji esterni immedjati tal-benefiċjarju u jenħtieġ li tiffed l-implimentazzjoni ta' programm ta' politika li fih miżuri qawwija ta' aġġustament immedjat u ta' riforma strutturali maħsuba biex itejbu l-pożizzjoni tal-bilanċ tal-pagamenti fuq terminu qasir.

- (14) Minħabba li għad hemm nuqqas residwu fil-finanzjament tal-bilanċ tal-pagamenti tal-Ġordan wara li jingħaddu r-riżorsi pprovduti mill-FMI u minn istituzzjonijiet multilaterali oħrajn, l-għoti mill-Unjoni ta' assistenza makrofinanzjarja lill-Ġordan qed titqies, fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali, bħala tweġiba xierqa għat-talba li l-Ġordan għamel lill-Unjoni biex tappoġġa l-istabbilizzazzjoni ekonomika tal-Ġordan, flimkien mal-programm tal-FMI. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun tappoġġa l-aġenda tal-istabbilizzazzjoni ekonomika u tar-riforma strutturali tal-Ġordan, filwaqt li tissupplimenta r-riżorsi li huma disponibbli taħt l-arranġament finanzjarju tal-FMI.
- (15) Jenħtiegħ li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jkollha l-għan li tappoġġa l-ħolqien mill-ġdid ta' sitwazzjoni finanzjarja esterna sostenibbli għall-Ġordan, u b'hekk tappoġġa l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tiegħu.

- (16) Id-determinazzjoni tal-ammont tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni hija bbażata fuq valutazzjoni kwantitattiva kompleta tal-ħtiġijiet residwi ta' finanzjament estern tal-Ġordan, u tqis il-kapaċità tiegħu li jiffinanzja lill-nnifsu bir-riżorsi proprji tiegħu, partikolarment ir-riżervi internazzjonali li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tikkomplementa l-programmi u r-riżorsi pprovduti mill-FMI u mill-Bank Dinji. Id-determinazzjoni tal-ammont tal-assistenza tqis ukoll il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mistennija mingħand donaturi bilaterali u multilaterali u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-kondiviżjoni ġusta tal-piż bejn l-Unjoni u donaturi oħrajn, kif ukoll l-implimentazzjoni diġà eżistenti tal-istrumenti l-oħrajn tal-Unjoni ta' finanzjament estern fil-Ġordan u l-valur miżjud tal-involviment kumplessiv tal-Unjoni.
- (17) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun legalment u sostanzjalment konformi mal-prinċipji u l-oġettivi ewlenin tal-oqsma differenti tal-azzjoni esterna, mal-miżuri meħuda f'dawk l-oqsma, u ma' linji ta' politika rilevanti oħrajn tal-Unjoni.

- (18) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni hija mistennija tappoġġa l-politika esterna tal-Unjoni rigward il-Ġordan. Jenġtieg li s-servizzi tal-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) jaħdmu flimkien mill-qrib matul l-operazzjoni ta' assistenza makrofinanzjarja kollha bl-għan li jikkoordinaw il-politika esterna tal-Unjoni u li jiżguraw il-konsistenza tagħha.
- (19) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni hija mistennija tappoġġa l-impenn tal-Ġordan fir-rigward tal-valuri kondiviżi mal-Unjoni, fosthom id-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp sostenibbli u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll l-impenn tiegħu għall-prinċipji ta' kummerç miftuħ, ibbażat fuq ir-regoli u b'mod ġust.

- (20) Prekundizzjoni għall-għoti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jenħtieġ li tkun li l-Ġordan jirrispetta mekkaniżmi demokratiċi effettivi – inkluża sistema parlamentari b'diversi partiti – u l-istat tad-dritt, u li jiggarrantixxi r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, l-objettivi speċifiċi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom isaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà fis-sistemi tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-Ġordan u jippromwovu r-riformi strutturali li għandhom l-għan li jappoġġaw it-tkabbir sostenibbli u inklussiv, il-ħolqien tax-xoġhol u l-konsolidazzjoni fiskali. Il-Kummissjoni u s-SEAE jenħtieġ li jimmonitorjaw regolarment kemm it-twettiq tal-prekundizzjonijiet kif ukoll il-kisba tal-objettivi speċifiċi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni.
- (21) Sabiex tkun żgurata l-protezzjoni effikaċi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni marbuta mal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Ġordan jadotta l-miżuri xierqa relatati mal-prevenzjoni ta', u mal-ġlieda kontra, il-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe irregolarità oħra marbuta ma' dik l-assistenza. Barra minn hekk, ftehim ta' self li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u l-Ġordan jenħtieġ li jkollu fih dispożizzjonijiet li jawtorizzaw lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) biex iwettaq investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, f'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> u fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96<sup>2</sup> u lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri biex iwettqu awditi kemm matul kif ukoll wara l-perijodu ta' disponibbiltà tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni.

---

<sup>1</sup> Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

<sup>2</sup> Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

- (22) Ir-rilaxx tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bħala awtorità baġitarja.
- (23) L-ammonti ta' proviżjonament meħtieġa għall-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-appropriazzjonijiet baġitarji definiti fil-qafas finanzjarju pluriennali.
- (24) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jenħtieġ li tkun ġestita mill-Kummissjoni. Sabiex ikun żgurat li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu jistgħu jsegwu l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tinfirmahom regolarment bl-iżviluppi relatati ma' dik l-assistenza u tipprovdilhom id-dokumenti rilevanti.
- (25) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li daww is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>.

---

<sup>1</sup> Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (26) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jenħtieġ li tkun soġġetta għal kundizzjonijiet ta' politika ekonomika, li għandhom jiġu stabbiliti f' Memorandum ta' Qbil. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni u għal raġunijiet ta' effiċjenza, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tinnegozja tali kundizzjonijiet mal-awtoritajiet tal-Ġordan taħt is-superviżjoni tal-kumitat tar-rappreżentanti tal-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011. Jenħtieġ li taħt ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tapplika l-proċedura konsultattiva, bħala regola ġenerali, fil-każijiet kollha ħlief kif previst f'dak ir-Regolament. Meta jitqies l-impatt potenzjalment importanti tal-assistenza ta' aktar minn EUR 90 miljun, huwa xieraq li l-proċedura ta' eżami kif speċifikata fir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tintuża għal operazzjonijiet li jeċċedu dak il-limitu. Meta jitqies l-ammont ta' assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni lill-Ġordan, dik il-proċedura ta' eżami jenħtieġ li tapplika għall-adozzjoni tal-Memorandum ta' Qbil u għal kwalunkwe tnaqqis, sospensjoni jew kanċellazzjoni ta' dik l-assistenza,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

1. L-Unjoni għandha tagħmel assistenza makrofinanzjarja ta' ammont massimu ta' EUR 500 miljun disponibbli lill-Ġordan (l-“assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni”), bil-ħsieb li tappoġġa l-istabbilizzazzjoni ekonomika u l-aġenda ta' riforma sostantiva tal-Ġordan. L-assistenza għandha tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet tal-Ġordan għall-bilanċ tal-pagamenti kif inhuma identifikati fil-programm tal-FMI.
2. L-ammont sħiħ tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandu jkun ipprovdut lill-Ġordan fil-forma ta' self. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa, f'isem l-Unjoni, li tissellef il-fondi meħtieġa mis-swieq kapitali jew minn istituzzjonijiet finanzjarji u li, min-naħa tagħha, issellifhom lill-Ġordan. Is-self għandu jkollu maturità medja massima ta' 15-il sena.

3. Ir-rilaxx tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandu jkun ġestit mill-Kummissjoni b'mod konsistenti mal-ftehimiet jew fehim milfuqa bejn il-FMI u l-Ġordan, u mal-prinċipji u l-oġġettivi ewlenin tar-riformi ekonomiċi stabbiliti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-iżviluppi fir-rigward tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, inklużi l-iżborżi tagħha, u għandha tipprovdi lil dawk l-istituzzjonijiet bid-dokumenti rilevanti fi żmien xieraq.

4. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha ssir disponibbli għal perjodu ta' sentejn u nofs, li jibdew mill-ewwel jum wara d-dħul fis-seħħ tal-Memorandum ta' Qbil imsemmi fl-Artikolu 3(1).
5. Jekk il-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ġordan jonqsu b'mod fundamentali matul il-perjodu tal-iżborż tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni meta mqabbla mal-projezzjonijiet inizjali, il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi f'konformità mal-Artikolu 7(2), għandha tnaqqas l-ammont tal-assistenza, jew tissospendiha, jew tikkanċellaha.

## Artikolu 2

1. Prekundizzjoni għall-għoti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun li l-Ġordan jirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inklużi sistema parlamentari b'diversi partiti, u l-istat tad-dritt, u li jiggarantixxi r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem.
2. Il-Kummissjoni u s-SEAE għandhom jimmonitorjaw li l-prekundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 tiġi ssodisfata matul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni.
3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu applikati f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE<sup>1</sup>.

---

<sup>1</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30).

### Artikolu 3

1. Il-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 7(2), għandha tilħaq ftehim mal-awtoritajiet Ġordanjani dwar politika ekonomika u kundizzjonijiet finanzjarji definiti b'mod ċar, ikkonċentrati fuq riformi strutturali u finanzi pubbliċi sodi, li għalihom għandha tkun soġġetta l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. Dik il-politika ekonomika u dawk il-kundizzjonijiet finanzjarji għandhom jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Qbil (il-“Memorandum ta' Qbil”) li għandu jinkludi perjodu ta' żmien għat-twettiq ta' dawk il-kundizzjonijiet. Il-politika ekonomika u l-kundizzjonijiet finanzjarji stabbiliti fil-Memorandum ta' Qbil għandhom ikunu konsistenti mal-ftehimiet jew mal-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 1(3), inklużi l-programmi ta' aġġustament makroekonomiku u ta' riforma strutturali implimentati mill-Ġordan bl-appoġġ tal-FMI.

2. Il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jimmiraw, b'mod partikolari, li jtejbu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà tas-sistemi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-Ġordan, inkluż għall-użu tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. Il-progress fil-ftuħ reċiproku tas-swieq, l-iżvilupp ta' kummerċ ġust u bbażat fuq ir-regoli u prijoritajiet oħrajn fil-kuntest tal-politika esterna tal-Unjoni għandhom ukoll jitqiesu bil-mod dovut fit-tfassil tal-miżuri ta' politika. Il-progress li jsir biex jinkisbu dawk l-oġettivi għandu jiġi mmonitorjat regolament mill-Kummissjoni.
3. It-termini finanzjarji dettaljati tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom jiġu stabbiliti fi ftehim ta' self li għandu jintlaħaq bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Ġordan (il-“Ftehim ta' Self”).
4. Il-Kummissjoni għandha tivverifika, f'intervalli regolari, li l-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 4(3) jibqgħu jiġu ssodisfati, inkluż jekk il-linji ta' politika ekonomika tal-Ġordan ikunux f'konformità mal-oġettivi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. Hija u tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tikkoordina mill-qrib mal-FMI u mal-Bank Dinji u, fejn ikun meħtieġ, mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

#### Artikolu 4

1. Soġġett għall-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3, l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha ssir disponibbli mill-Kummissjoni fi tliet pagamenti ta' self. Id-daqs ta' kull wieħed minn dawk il-pagamenti għandu jiġi stabbilit fil-Memorandum ta' Qbil.
2. L-ammonti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom ikunu pprovduti, fejn meħtieġ, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009<sup>1</sup>.
3. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar ir-rilaxx tal-pagamenti skont jekk ikunux twettqu l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
  - (a) il-prekondizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(1);
  - (b) rekord sodisfaċenti kontinwu fl-implimentazzjoni ta' programm ta' politika li fih miżuri b'saħħithom ta' aġġustament u ta' riforma strutturali appoġġati minn arranġament ta' kreditu mill-FMI mhux prekawzjonarju; u
  - (c) l-implimentazzjoni sodisfaċenti tal-politika ekonomika u tal-kundizzjonijiet finanzjarji miftiehma fil-Memorandum ta' Qbil.

---

<sup>1</sup> Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10).

Ir-rilaxx tat-tieni pagament ma għandux, fil-prinċipju, isir qabel tliet xhur wara r-rilaxx tal-ewwel pagament. Ir-rilaxx tat-tielet pagament ma għandux, fil-prinċipju, isir qabel tliet xhur wara r-rilaxx tat-tieni pagament.

4. Fejn il-kundizzjonijiet imsemmija fl-ewwel sub-paragrafu tal-paragrafu 3 ma jiġux issodisfati, il-Kummissjoni għandha tissospendi jew tikkanċella temporanjament l-iżborż tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. F'tali każijiet, hija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-raġunijiet għas-sospensjoni jew il-kanċellazzjoni.
5. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi zborzata lill-Bank Ċentrali tal-Ġordan. Soġġett għad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu miftiehma fil-Memorandum ta' Qbil, inkluża konferma ta' ħtiġijiet finanzjarji baġitarji residwi, il-fondi tal-Unjoni jistgħu jiġu ttrasferiti lill-Ministeru tal-Finanzi tal-Ġordan bħala l-benefiċjarju aħħari.

## Artikolu 5

1. L-operazzjonijiet ta' teħid u għoti b'self relatati mal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom isiru fil-munita euro bl-użu tal-istess data tal-valur u ma għandhomx jinvolvu lill-Unjoni fit-trasformazzjoni ta' maturitajiet, jew jesponuha għal kwalunkwe riskju fir-rata tal-kambju jew tal-imgħax, jew għal kwalunkwe riskju kummerċjali ieħor.
2. Fejn iċ-ċirkostanzi jippermettu u jekk il-Ġordan jitlob dan, il-Kummissjoni tista' tieħu l-passi meħtieġa biex tiżgura li tiddaħħal klawżola dwar ripagament bikri fit-termini u l-kundizzjonijiet tas-self u li din tkun pariġġjata minn klawżola korrispondenti dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-operazzjonijiet tat-teħid ta' self.

3. Fejn iċ-ċirkostanzi jippermettu titjib fir-rata tal-imgħax tas-self u jekk il-Ġordan jitlob dan, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tiffinanzja mill-ġdid it-teħid inizjali minnu ta' self, kollu jew parti minnu, jew tista' tirristruttura l-kundizzjonijiet finanzjarji korrispondenti. L-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-ġdid jew ta' ristrutturar għandhom jitwettqu skont il-paragrafi 1 u 4 u ma għandux ikollhom l-effett li jestendu l-maturità tas-self ikkonċernat jew li jżidu l-ammont ta' kapital pendenti fid-data tal-finanzjament mill-ġdid jew tar-ristrutturar.
4. L-ispejjeż kollha mġarrba mill-Unjoni li jkunu relatati mal-operazzjonijiet tal-ġħoti jew ta' teħid tas-self taħt din id-Deċiżjoni għandhom jitħallsu mill-Ġordan.
5. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kwalunkwe żvilupp fl-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3.

## Artikolu 6

1. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi implimentata f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>.
2. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi implimentata taħt ġestjoni diretta.
3. Il-Ftehim ta' Self għandu jkun fih dispożizzjonijiet li:
  - (a) jiżguraw li l-Ġordan jivverifika regolarment li l-finanzjament ipprovdut mill-baġit ġenerali tal-Unjoni ntuża korrettament, li dan jieħu miżuri xierqa biex jipprevjeni l-irregolaritajiet u l-frodi u, jekk ikun meħtieġ, jieħu azzjoni legali biex jirkupra kwalunkwe ammont ipprovdut taħt din id-Deċiżjoni li jkun ġie miżapproprjat;

---

<sup>1</sup> Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

- (b) jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jipprevedu miżuri speċifiċi fir-rigward tal-prevenzjoni ta', u tal-ġlieda kontra, il-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe irregolarità oħra li taffettwa l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95<sup>1</sup>, ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013. Għal dak l-għan, l-OLAF huwa espressament awtorizzat li jwettaq investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post inklużi operazzjonijiet forensiċi diġitali u intervisti;
- (c) jawtorizzaw espressament lill-Kummissjoni (OLAF), jew lir-rappreżentanti tagħha jwettqu verifiki, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post;

---

<sup>1</sup> Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

- (d) jawtorizzaw espressament lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri jagħmlu awditjar matul u wara l-perjodu ta' disponibbiltà tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, inklużi awditjar ta' dokumenti u awditjar fuq il-post, bħal pereżempju valutazzjonijiet operazzjonali;
  - (e) jiżguraw li l-Unjoni tkun intitolata għal ripagament bikri tas-self fejn ikun stabbilit li, fir-rigward tal-ġestjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, il-Ġordan wettaq kwalunkwe att ta' frodi jew ta' korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li tkun ta' detriment għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni;
  - (f) jiżguraw li l-ispejjeż kollha mġarrba mill-Unjoni relatati mal-operazzjonijiet tal-ġħoti jew ta' teħid tas-self taħt din id-Deċiżjoni għandhom jitħallsu mill-Ġordan.
4. Qabel l-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tivvaluta, permezz ta' valutazzjoni operazzjonali, is-solidità tal-arranġamenti finanzjarji tal-Ġordan, il-proċeduri amministrattivi, u l-mekkaniżmi ta' kontroll interni u esterni li huma rilevanti għall-assistenza.

## Artikolu 7

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meġġuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

## Artikolu 8

1. Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fis-sena ta' qabel, inkluża evalwazzjoni ta' dik l-implimentazzjoni. Ir-rapport għandu:
  - (a) jeżamina l-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni;

- (b) jivvaluta s-sitwazzjoni ekonomika u l-prospetti tal-Ġordan, kif ukoll il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' politika msemmija fl-Artikolu 3(1);
- (c) jindika r-rabta bejn il-kundizzjonijiet tal-politika ekonomika stabbiliti fil-Memorandum ta' Qbil, il-prestazzjoni ekonomika u fiskali attwali tal-Ġordan u d-deċizzjonijiet tal-Kummissjoni li tirrilaxxa l-pagamenti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni.

2. Sa mhux aktar tard minn sentejn wara li jiskadi l-perjodu ta' disponibbiltà msemmi fl-Artikolu 1(4), il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport ta' evalwazzjoni *ex-post* lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta r-riżultati u l-effiċjenza tal-assistenza makrofinanzjarja kompletata tal-Unjoni u sa liema punt din ikkontribwixxiet għall-għanijiet tal-assistenza.

## Artikolu 9

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...

*Għall-Parlament Ewropew*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

*Il-President*